**23 ta' Frar, 1965**

***Imħallef:***

**Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Giuseppe Darmanin

*versus*

Salvatore Muscat

**Pagament — Riċevuta — Piż tal-Prova.**

*Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' riċevuta għandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma tħallasx jekk ma jiġix pruvat b'mezzi oħra li l-attur huwa sodisfatt.*

*Il-Qorti*, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħti kull provvediment opportun — talab illi l-konvenut jiġi kkundannat minn dina l-Qorti li jħallas lill-attur is-somma ta' tlieta u erbgħin lira u għaxar xelini (£43. 10. 0) ta' tlitt snin kera bl-erbatax-il lira u għaxar xelini (£14. 10. 0) fis-sena b'lura tal-post 39/40, Main Street, ossija High Street, Has-Sajjied, Birkirkara li għalqu fil-11 ta' Diċembru, 1963; bl-ispejjeż;

OMISSIS:

Ikkunsidrat:

Li d-diverġenza esistenti bejn il-kontendenti hija limitata għal sena kera, iġifieri għall-ammont ta' £14. 10. 0.; infatti l-konvenut ammetta li għandu jagħti ta' sentejn kera ammontanti għal £29 u l-attur jippretendi li għandu jieħu ta' tlitt snin kera li għalqu fil-11 ta' Diċembru, 1963.

Li l-kontendenti ma jaqblux anqas fil-mod tal-pagament; l-attur jippretendi li għamel ir-riċevuta bil-kera b'lura, u l-konvenut jgħid li soltu jħallas il-kera bil-quddiem.

Li minħabba dana l-konflitt ta' provi, il-Qorti sejra toqgħod fuq l-aħjar prova, li ġeneralment hija l-bażi u ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe pagament: ir-riċevuta.

Ikkunsidrat:

Li miż-żewġ kwinterni esibiti fil-proċess (Dok: A u B) jirriżulta li l-kera kien jitħallas minn dejjem bil-quddiem, u li l-aħħar pagament li għamel il-konvenut kien ta' sena kera li għalaq fil-11 ta' Diċembru, 1960, dejjem bil-quddiem. Il-konvenut ma ġieb ebda prova sodisfaċenti biex juri li huwa ħallas xi sena kera mill-11 ta' Diċembru, 1960 sal-11 ta' Diċembru, 1963 u għalhekk dina l-Qorti għandha taċċetta l-versjoni ta' l-attur billi tinsab sostnuta bid-dokumenti esibiti. Min jallega l-pagament għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju u fin-nuqqas ta' riċevuta għandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma tħallasx (Kollez. XXXVII, i, 535), jekk ma jiġix pruvat, kif del resto ma sarx, b'mezzi oħra li l-attur huwa sodisfatt. (Kollez. XXXV, iii, 604; App. Inf. in re "Cassar v. Agius", deċiż fid-9 ta' Lulju, 1924; P.A. in re "Cricchiola v. Pulis" deċiża fid-19 ta' Jannar, 1965).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.